# L-Ewwel Erbgħa

Din is-sena ġejt mitlub nagħmel ħsibijiet qosra għal dawn is-seba Erbgħat ta' San Ġużepp. Għalhekk f'dawn il-ħsibijiet qosra li ser nagħmel f'din il-website kull nhar ta' Erbgħa, ħsibt li nlaqqa is-seba ferħat u s-seba duluri ta' San Ġużepp. Għal dawk li ma jafux, fid-devozzjoni Ġużeppina jeżistu is-seba ferħat u s-seba duluri ta' Ġużeppi. Li ser nagħmlu f'dawn is-sebgħa ġimgħat huwa li ser naqbdu ferħa u dulur u nqabbluhom flimkien.

F'din l-ewwel ġimgħa, ser naqbdu l-ewwel dulur li huwa id-dubju ta' Ġużeppi filwaqt li l-ewwel ferħa li hija it-tħabbira ta' l-anġlu. Bħalma nafu meta Ġużeppi tgħarras ma' Marija, kif kienet titlob il-liġi ta' dak iż-żmien, ma kienux marru jgħixu flimkien mallewwel. Il-liġi kienet titlob li jagħmlu numru mhux ħażin ta' ġranet jgħixu separatament. Ovvjament, Ġużeppi, bħall-ġuvintur l-oħra kellu seba mitt sena biex jidħol fid dar tiegħu mal-maħbuba tiegħu u jibdew jaħsbu biex jibnu familja iżda meta wasal u sab lil Marija diġa tqila, qed tistenna tarbija, Ġużeppi tħawwad. Nimmaġina li tħawwad mhux ftit meta Marija bidet tgħidlu li t-tarbija kienet l-iben ta' Alla. Min jaf Ġużeppi dak il-ħin x'ħass? X'ħaseb? Dan kien l-ewwel dulur ta' Ġużeppi, dulur li żgur nifidlu sal-qiegħ ta' qalbu. Għaliex raġel ġust bħalu kellu jsib tfajla li toħroġlu tqila fiż-żwieġ u tivvintalu skuża bħal dik? Naħseb li kulħadd kien jaħsibha bħalu. Kien ġuvni mimli ħolm li f'daqqa waħdu ħass id-dinja ser taqa fuqu.Iżda l-akbar dulur għal Ġużeppi jidher li ma kienx l-aktar għax Marija ħarġet tqila iżda għax ftakar li Marija kienet ser tiġi kkundannata għall-mewt. Iżda l-Mulej, għal kull dulur li tħoss jagħtik ferħa u anke lil Ġużeppi, Alla ħa ħsieb li jibgħatlu anġlu sabiex iħabbarlu t-twelid ta' Ġesu' bħalma għamel ma' Marija. Ġużeppi, li kien diġa beda jaħseb biex iħarrab lil Marija bil-moħbi, żgur li ħa nifs qawwi meta l-anġlu wasal għandu. L-Mulej urieh li ma kellux jiddispjaċieh għax tkissru l-ħolm tiegħu iżda urieh li kellu jifraħ ħafna aktar għax issa r-realta kienet dik li anke fil-ħolm kienet impossibbli. Ġużeppi kien ser isir missier Alla!

Nhar l-erbgħa li ġej naqbdu it-tieni dulru li huwa l-faqar li fih twieled Ġesu' filwaqt li l-ferħa huwa t-twelid inniffsu tas-salvatur!

**Bro. Deo Debono**